MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tal-11 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 232/2013

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Edward Vella**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Edward Vella (ID 120979(M)) bin Saviour u Maria Dolores nee Xuereb imwieled fil-15 ta' Jannar 1979 u residenti f'226 Rosendale Triq l-Imħallef William Harding, Pembroke akkużat li għan-nom u in rappreżentanza ta' Bottega Del Marmista Limited u / jew bħala persuna reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att Numru XXIII tal-1998) (illum Kap 406) u regolamenti magħmula bis-saħħa tal-istess Att, naqas li sal-ħmistax-il jum tat-tieni xahar li jiġi wara l-aħħar jum li fih intemmu ż-żminijiet tat-taxxa relattivi li jibgħat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (2) id-denunzja, flimkien mal-ħlas dovut, li saru dovuti fil-31 ta' Lulju 2009 u dan bi ksur tal-artikolu 27, 66 u 76(ċ) tal-Att XXIII tal-1998 (Kap 406).

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiet f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat jikkonforma ruħu mal-liġi fi żmien biżżejjed biex ikun jista' jagħmel dan, liema żmien m'għandux jeċċedi tliet xhur, taħt multa ta' mhux anqas minn €5 u mhux aktar minn €20 għal kull jum li dak in-nuqqas ikompli wara li dak iż-żmien mogħti mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-**16 ta' Mejju, 2013** li biha, wara ammissjoni tal-appellant, huwa nstab ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih, u l-Qorti, wara li rat l-artikoli 27, 66, 76(ċ) u 82 tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannatu jħallus multa ta' €700. Imbagħad, b'applikazzjoni tal-artikolu 76 tal-Kap 406 orndat lill-imputat sabiex fi żmien tliet xhur mill-jum tas-sentenza jikkonforma ruħu mal-liġi u fin-nuqqas jeħel multa ta' €15 għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi l-imsemmi żmien ta' tliet xhur.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant intavolat fit-23 ta' Mejju 2013. L-aggravju tal-appellant huwa li huwa m'għadux direttur tal-kumpanija msemmija għaliex hu rriżenja minn din il-kariga fl-1 ta' Novembru 2010. Illi l-appellant llum jinsab fl-impossibilita' li jattempora ruħu mad-dispożizzjonijiet tal-Kap 406 għaliex m'għadux direttur ta' dik is-soċjeta'. L-appellant sab ruħu kkundannat li jħallas €15 kull jum li s-soċjeta' ma tattemporax ruħha mal-Kap 406. L-appellant talab riforma tas-sentenza msemmija billi tirrevokaha u tħassarha fejn l-appellant kien ikkundannnat li jħallas €15-il Ewro għal kull jum li fih is-soċjeta' Bottega Del Marmista Limited tonqos milli tottempora ruħha mad-dispożizzjonijiet tal-Kap 406 wara l-iskandenza ta' tliet xhur mid-data tas-sentenza tas-16 ta' Mejju 2013 u minflok tilliberah mill-istess filwaqt li tikkonferma s-sentenza fil-bqija.

Rat il-Letter to Prosecute tal-5 ta' Ottubru 2011 a fol 15 u d-dokument tar-reġistrazzjoni a fol 16 iffirmat mis-sur Edward Vella fit-8 ta' Mejju 2003.

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Diċembru 2013 li bih ordnat li x-xhieda li kienet sejra tinstema' kellha tkun tapplika kemm għal dan l-appell (232/13) kif ukoll għall-appell li jġib in-numru 233 /13.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Li fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2013, xehed is-dur Emanuel Darmanin, rappreżentant tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud . Huwa qal li ġaladarba r–returns daħlu id-dipartiment mhux ser jerġa' jakkuża lill-appellant dwar il-per diem. Ir-returns kienu daħlu wkoll meta ngħatat is-sentenza. Li kien baqa' pendenti kienu l-pagamenti. Id-Dipartiment mhux ser jieħu azzjoni oħra rigward dik il-multa tal-**per diem**. Peress li r-returns daħlu, l-appellant jeħel il-multa tas-seba' mitt Ewro u biżżejjed.

Il-Prosekuzzjoni hawn qablet li kienu saru xi emendi fil-Kap 406. Dawn l-emendi li daħlu fis- seħħ fil-5 ta' Novembru, 2013 bis-saħħa tal-Att XIV tas-sena 2013, fost l-oħrajn jillimitaw il-multa kkontemplata fl-artikolu 76 tal-Kap 406 għal 5 Ewros kull jum jekk wieħed ma jkunx attempora ruħu mal-liġi fi żmien tliet xhur mis-sentenza. (ara l-artikolu 5 tal-Att imsemmi, paragrafi (d) u (e) u l-artikolu 6 (artikolu tranżitorju) tal-istess Att.) Għalhekk, sa fejn japplika l-artikolu 76(ċ) tal-Kap 406, kull multa per diem ma tistax tkun aktar minn €5 kemm jekk din il-multa kienet konfermata minn sentenza finali jew le.

Issa, skont ix-xhieda tar-rappreżentant tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, id-Dipartiment mhux ser jieħu azzjoni dwar il-multa 'per diem'.

Ikkonsidrat

Li dwar dik il-parti tal-aggravju fejn l-appellant jilmenta dwar li hu kien irriżenja fis-sena 2010, din il-Qorti ftit għandha xi tgħid minħabba li l-istess appellant kien ammetta l-imputazzjoni kif jirriżulta kemm mill-verbal tas-16 ta' Mejju 2013 kif ukoll mis-sentenza nnifisha. Għalhekk din il-Qorti qed tiċħad għal kollox din il-parti tal-appell.

Min-naħa l-oħra meta l-appellant ġie għat-talba finali, huwa llimita ruħu għal dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti tal-Maġistrati kienet ikkundannat lill-appellant iħallas piena ta' 15-il Ewro kull jum. [1]

Il-Qorti qieset dak li xehed ir-rappreżentant tad-dipartiment fejn huwa qal li ġaladarba daħlu r-returns id-dipartiment mhux ser jinsisti fuq il-parti l-oħra tal-multa dwar il-per diem..

[1] 'Illi dan l-umli rikors tal-appell jirrigwarda l-impożizzjoni ta' €15 għal kull jum li fih is-soċjeta' Bottega del Marmista tkun naqset milli tottempora ruħha mad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-VAT.' (fol 24)

Skont l-artikolu 76 tal-Kap 406, it-talba għal din il-multa trid issir mill-Prosekuzzjoni. Din il-parti tal-Artikolu 76 dejjem kienet hekk u ma jirriżultax li din il-parti tal-Liġi tbiddlet. Ġiet biss limitata għall-artikolu 76 (ċ) li ġie emendat u tnaqqset parti minnu minħabba li żdied paragrafu (d) ġdid. F'dan il-paragrafu ġdid hemm parti mill-artikolu 76(ċ) l-antik.

Jekk il-Prosekuzzjoni mhux qed tinsisti aktar fuq din il-multa tal-'per diem' (għaliex ir-returns kienu daħlu) jsegwi li m'hemmx aktar bażi għal tali multa ġaladarba min, skont il-Liġi, għandu l-jedd li jitlobha, m'għandux aktar interess li jinsisti għaliha.

**Konklużjoni**

Għar-raġunijiet mogħtija fl-aħħar erba' paragrafi preċedenti, il-Qorti qed tilqa' l-appell u qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fis-16 ta' Mejju, 2013 billi waqt li qed tikkonfermaha fejn il-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u fejn ikkundannatu jħallas €700, qed tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant iħallas €15 għal kull jum li ma jkunx attempora ruħu mal-Liġi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------